MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2009

Numru 145/2004

Il-Pulizija
(Spettur M'Stella Cutajar)

vs

Samuel Agius

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-akkuzat ta' karta ta' identita' numru 74980(M) talli:

1. nhar id-9 ta' Frar, 2004 filghaxija gewwa Haz Zebbug minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tal-persuna ta' Liliana Zammit f'periklu car, volontarjament ikkaguna offiza ta' natura gravi perdurata fuq il-persuna imsemmija skond kif iccertifika t-Tabib mediku Patrick Farrugia M.D. tal-Isptar San Luqa.

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra Liliana Zammit sabiex jingurjha jew idejjaqha jew jaghmel hsara lil din il-persuna;

3. fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika;

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' kundanna tapplika l-provedimenti li hemm fl-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Jirrizulta mill-provi li l-akkuzat u l-kwerelanta Zammit kienu jiffrekwentaw lill-xulxin u ma baqawx. Fil-jum imsemmi fic-citazzjoni inqala argument bejniethom meta ltaqghu fuq inistenza ta' l-akkuzat vicin fejn hu jirrisjedi. Il-kwerelanta kienet hawnhekk akkumpanjata mis-sieheb il-gdid taghha. Il-griehi sofferti mill-kwerelanta kienu ksur ta' idha l-leminija li damet aktar minn erbghin gurnata biex tfieq. Ghalhekk huma bla dubbju klassifikabbli bhala ta' natura gravi.

Issa l-kwerelanta iddikjarat li kienet qed tirrinunzja ghal kull azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat fir-rigward dawk mill-akkuzi li setghet tirrinunzja ghalihom. Dan jimporta li t-tielet akkuza hi rinunzjata u ghalhekk il-Qorti qeghdha tiddikjara procediment esawrit fir-rigward din l-akkuza. Dwar ir-raba' akkuza ma jidhirx li jissussisti dak l-element ta' apprensjoni f'terzi ghall-inkolunità taghhom jew il-propjetà taghhom.

Illi fil-konfront ta' l-ewwel akkuza dik li l-akkuzat ikkaguna offiza ta' natura gravi per durata l-Qorti hi tal-fehma li l-akkuzat kellu l-intenzjoni u dan fuq l-iskorta tax-xhieda ta' Christopher li jikkaguna lill-kwerelanta xi tip ta' ugigh,

minimu kemm kien minimu, anke jekk ma ridtx il-konsegwenzi li sehhew.

Ghalhekk, taqta' u tiddeciedi billi ssib l-imputat hati biss tal-ewwel akkuza. Rat l-Artikolu 216 (1) (d) (2) tal-Kap 9.

Tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sitt xhur mil-lum wara li kkonsidrat l-fedina penali netta tieghu, r-rinunzja tal-kwerelanta u l-fattispecie generici tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------